MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 509/2005

**Maltacom p.l.c. (C22334) u b'digriet datata l-20 ta' Novembru tas-sena 2007 ordnat il-korrezzjoni kif mitluba u tissostitwieh bl-isem Go p,l.c.**

**vs**

**Direct Group of Companies Limited gia` Promotions Direct Limited (C15876), Dr. Godfrey Gauci Maistre f'ismu propju u bhala stralcjarju tas-socjeta` Direct Group of Companies Limited gia` Promotions Direct Limited (C15876)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 t'Ottubru tas-sena 2005 li permezz tieghu s-socjeta` attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija hamsa u hamsin Lira Maltin u tnejn u disghin centezmu, (LM2,355.92,0), rapprezentanti ammont dovut mill-konvenuti in konnessjoni ma' servizzi telefonici bin-numri 374132 u 374139 u 381243 u 381247 (CN693069 u AC 10127322, AC 10127321, AC 10127319, u AC 10127320);

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Godfrey Gauci Maistre datata t-23 ta' Novembru tas-sena 2005, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi m'hemm l-ebda relazzjonjiet guridici bejn l-eccipjent proprio u s-socjeta` attrici;

2. Illi ghalhekk, it-talba attrici, in kwantu diretta kontra l-eccipjent fil-kwalita` tieghu proprja, hija vessatorja, u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici u l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjent m'huwiex debitur tas-socjeta` attrici u m'ghandu jaghtiha xejn;

4. Illi ghalhekk, it-talba attrici, fil-konfront tieghu ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess abbli avukat, din id-darba, fil-kwalita` tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta` Direct Group of Companies Limited, gia`

Promotions Direct Limited, (C15876), datata wkoll it-23 ta' Novembru tas-sena 2005, stante li stranament hi effettivament nota ta' l-eccezzjonijiet wahda izda komposta minn zewg partijiet separati, fejn, a skapitu ta' l-erarju pubbliku eccepixxa s-segwenti:

1. Illi in linea preliminari isem is-socjeta` konvenuta hu “The Direct Group of Companies Limited” u mhux Direct Group of Companies Limited kif citata;

2. Illi fil-mertu, it-talba attrici hija ntempestiva u premature il-ghaliex il-proceduri ghall-likwidazzjoni tas-socjeta` konvenuta ghadhom ma gewx finalizzati;

3. Illi s-socjeta` attrici ma tistax tippretendi li tiehu sentenza favorevoli ghaliha f'dan l-istadju a skapitu tal-kredituri l-ohra tas-socjeta` konvenuta li qeghdin jinkonkorru ‘pari passu’;

4. Illi ghalhekk, it-talba attrici, ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici;

5. Ghal kull buon fini s-socjeta` konvenuta qatt ma cahdet illi hija debitrici lejn is-socjeta` attrici fis-somma minnha mitluba fl-avviz;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Illi wara li anke semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet issa qieghda f'posizzjoni biex tikkonkludi l-vertenza de quo;

Ikkunsidrat:

Illi l-posizzjoni attrici tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li certa Tanya Borg Cardona akkumulat diversi fatturi kontenenti diversi sommom dovuti ghas-servizz ta’ telefon, taht l-isem ta’ “Computer Warehouse” ta’ Triq Giuseppe Grech, San Gwann; (ara fol 2-13);

2. Illi dawn l-ammonti riferiti fil-paragrafu precedenti jirreferu ghan-numru telefoniku 374132;

3. Illi di piu` hemm ukoll l-istess tip ta’ dokumentazzjoni pero` din id-darba rigwardanti n-numru telefoniku 381247, fejn l-utent indikat jirrizulta li kienet l-imsemmija Tanya Borg Cardona, (ara fol 8-10);

4. Illi hemm ukoll dokumentazzjoni rigwardanti n-numru telefoniku 381243, (ara fol 11-13), fejn l-utent tidher ukoll l-imsemmija Tanya Borg Cardona;

5. Illi s-socjeta` attrici ghazlet biss li tistrieh fuq id-dokumentazzjoni li hi ghazlet li tipproduci u ma tipprezenta l-ebda xhieda fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li l-principju li “min jallega jrid jipprova” jibqa’ l-bazi ta’ l-azzjoni gudizzjarja bbazata fuq is-sistema akkuzatorja li nhaddmu b’tant orgolju llum;

Illi kull ma jirrizulta dokumentat mill-istess socjeta` attrici hu s-segwenti:

1. Illi hi socjeta` li tiggestixxi servizz telefoniku f’Malta;

2. Illi l-utenti Tanya Borg Cardona intrabtet b’diversi vinkoli ma’ l-imsemmija socjeta` biex tkun tista` tinghata s-servizz telefoniku fuq in-numri fuq indikati;

3. Illi ma jirrizulta l-ebda ness bejn dan l-istat ta’ fatt u l-konvenuti;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk ma jirrizultax li s-socjeta` attrici ppruvat il-kaz taghha fi kwalunkwe grad rikjest mil-ligi u minnha allegat f’din il-procedura u allura din il-qorti m’ghandha l-ebda alternattiva hlief li tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------